MALTA

ATT Nru. XXI ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta

ATT biex jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.

ACT No. XXI of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta

AN ACT to amend the Social Security Act, Cap. 318.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) UGO MIFSUD BONNICI
President

10 ta' Settembru, 1996

ATT Nru. XXI ta' l-1996.

ATT biex jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap.318.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li jibda jseħħ kif ġej:

(a) is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu 58 għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1994;

(b) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu 58 għandu jitqies li beda jseħħ fis-7 ta' Jannar, 1995;

(ċ) il-paragrafi (a), (ċ), (f), (g) u (h) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2, l-artikoli 3 sa 10, il-paragrafi (ċ) u (d) ta' l-artikolu 14, l-artikoli 18, 20, 51, 53 u 54, il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 55, l-artikolu 57, is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 58, u l-artikolu 64 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1996;

(d) il-paragrafi (b), (d), (e), (i) u (j) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2, l-artikoli 11 sa 13, il-paragrafi (a), (b), (e), (f), (g) u (h) ta' l-artikolu 14, l-artikoli 15, 17, 19, 21 sa 30, l-artikolu 44, il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 45, l-artikolu 46, il-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 48, l-artikolu 52, is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b), is-subparagrafi (i) u (iii) tal-paragrafu (ċ), is-subparagrafi (i) u (iii) tal-paragrafu (e), il-paragrafi (i) u (k) ta' l-artikolu 58, l-artikoli 59 sa 63, l-artikoli 65, 66, 67, u l-paragrafi A, B, Ċ u D ta' l-artikolu 68 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fis-6 ta' Jannar, 1996; u

(e) l-artikoli 16, 31 sa 43, il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 45, il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 48, l-artikoli 49 u 50, il-paragrafu (a), is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ), il-paragrafu (d), is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (e), il-paragrafi (g), (h), (j) u (l) ta' l-artikolu 58, u l-paragrafi E, F u G ta' l-artikolu 68 għandhom jibdew iseħħu fis-6 ta' Lulju, 1996.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. (1) Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali:-

(a) fit-tifsira tal-kliem "kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi", minflok il-kliem "bħala persuna li timpjega lilha nnifisha;" għandhom jidħlu l-kliem "jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, jew bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha;";

(b) fit-tifsira tal-kliem "fuq bażi *full-time* u regolarment" minflok il-kliem "(b) għall-finijiet ta' l-artikolu 68 ta' dan l-Att, ġenitur li jkollu l-età ta' 60 sena jew iżjed", għandhom jidħlu l-kliem "(b) għall-finijiet ta' l-artikolu 68 ta' dan l-Att, qarib";

(ċ) minnufih qabel it-tifsira tal-kelma "regolamenti", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

""qliegħ" tfisser dħul minn persuna li taħdem għaliha nnifisha minn attività ekonomika (inkluż l-eżerċizzju ta' xi kummerċ jew professjoni), u għandha tiftiehem bħala dħul nett wara li jinqatgħu l-ispejjeż li jsiru direttament biex jinkiseb dak id-dħul, u ma tinkludix:

(i) kull dħul li jsir permezz ta' interessi minn xi depożiti (inkużi xi assi likwidi, *time deposits*, *bonds*, *stocks*, azzjonijiet jew titoli oħra), kirjiet jew ċnus riċevuti minn fuq proprjetà, jew

(ii) kull dħul ieħor, jekk ikun hemm, li m'huwiex relatat direttament ma' dik l-attività ekonomika, jew

(iii) f'kull każ, kull dħul tal-mara jew tarraġel ta' dik il-persuna;";

(d) minflok it-tifsira ta'"kap ta' familja", għandha tidħol it-tifsira li ġejja :-

""kap ta' familja" dwar familja li tkun ta' żewġ persuni jew iżjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja;";

(e) fil-paragrafu (a) tal-proviso tat-tifsira tal-kelma "familja" minflok il-kliem "flimkien ma' martu jew żewġha, jekk ikun hemm, skond il-każ" għandhom jidħlu l-kliem "flimkien ma' martu jew żewġha, jekk ikun hemm, skond il-każ, u t-tfal";

(f) fit-tifsira tal-kliem "persuna assigurata" minflok il-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha";

(g) fit-tifsira tal-kliem "dħul pensjonabbli" minflok il-kliem "jew dħul nett", għandhom jidħlu l-kliem "jew dħul nett, jew qliegħ";

(h) fit-tifsira tal-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" minnufih wara l-kliem "persuna impjegata" għandhom jiżdiedu l-kliem "u li ma tkunx persuna li taħdem għaliha nnifisha";

(i) fit-tifsira tal-kliem "Pensjoni tas-Servizz" :-

(i) minflok il-kliem "fuq bażi mhux kommutata:" għandhom jidħlu l-kliem "fuq bażi mhux kommutata, u b'effett mis-6 ta' Jannar, 1996, nett wara li jinqatgħu ż-żidiet ta' dik il-pensjoni tas-servizz mogħtija bħala żidiet għall-għoli tal-ħajja mogħtija wara s-7 ta' Jannar, 1995:"; u

(ii) minflok il-paragrafi (a) u (b) tat-tieni proviso ta' l-istess tifsira, għandhom jidħlu il-paragrafi li ġejjin:-

"(a) kommutata kollha, 50% ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz, jew

(b) kommutata f'parti biss u l-pensjonant ikun laħaq l-età ta' 72 sena, 50% tal-parti kommutata ta' dik il-pensjoni tas-servizz;"; u

(j) fit-tifsira tal-kliem "persuna gravament disabilitata" għandu jiżdied il-paragrafu (f) : -

"(f) indifferenza konġenitali lejn uġigħ;".

(2) Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew bħala persuna impjegata jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem " jew bħala persuna impjegata, jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, jew bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha" u minflok il-kliem "li tkun għamlet f'impieg assigurabbli jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem " li tkun għamlet f'impieg assigurabbli jew bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, jew bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha" u wara l-kliem "titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "u fejn l-akbar numru ta' snin, jew parti minnhom, kienet għaddiethom bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem ", jew bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem " jew persuna li taħdem għaliha nnifisha";

(b) fil-proviso tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li taħdem għaliha nnifisha"; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "(a) u (b)", għandhom jiżdiedu l-kliem "u (e)", u minflok il-kliem "persuni li jimpjegaw lilhom infushom" għandhom jidħlu l-kliem "persuni li jaħdmu għalihom infushom".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu f'kull każ il-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha";

(b) fis-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu minnufih wara l-kliem "li jitħallsu taħt dan l-Att minn persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha", u minnufih wara l-kliem "fit-Taqsima II" għandhom jiżdiedu l-kliem "u fit-Taqsima III rispettivament"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha".

6. Fl-artikolu 11 minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha". Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "tal-kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi:", għandhom jiżdiedu l-kliem "Hekk iżda, li persuna li timpjega lilha nnifisha tista' tagħżel li tħallas kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi tal-kategorija SP fil-każ ta' persuna mhux miżżewġa, u tal-kategorija SA fil-każ ta' persuna miżżewġa, minflok ċertifikat ta' dħul baxx."; u

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu minflok il-kliem "teħel piena ta' mhux iżjed minn Lm 5" għandhom jidħlu l-kliem "tħallas kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi tal-kategorija SP fil-każ ta' persuna mhux miżżewġa, u tal-kategorija SA fil-każ ta' persuna miżżewġa,".

8. Fil-proviso ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li taħdem għaliha nnifisha". Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

9. Fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li taħdem għaliha nnifisha" kull fejn jidhru. Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

10. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali l-kliem "biss fil-każ ta' kontributuri ta' l-Ewwel Klassi," għandhom jiġu mħassra. Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tat-tieni proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "3 snin; u dik il-persuna assigurata jista' jkollha" għandhom jidħlu l-kliem "tliet snin u għandha"; u

(b) fil-paragrafu (b) ta' l-istess proviso tas-subartikolu (1), minflok il-kliem "għal sena ta' kontribuzzjoni li matulha" għandhom jidħlu l-kliem "għal sentejn konsekuttivi ta' kontribuzzjoni li matulhom".

12. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "l-Għajnuna Soċjali" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew Pensjoni ta' l-Età jew Pensjoni għall-Wens". Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

13. L-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: -

(a) minflok il-kliem "Lm29.88" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "il-paga minima nazzjonali kif applikabbli lil persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' *standard* nazzjonali taħt l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg";

(b) wara s-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Pensjoni Għal Disabilità taħt dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-oghla rata tagħha, inklużi kull żidiet skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90 ta' dan l-Att, tkun daqs 55% tal-paga minima nazzjonali kif applikabbli lil persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' *standard* nazzjonali taħt l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg matul il-perjodu li dwaru l-pensjoni tkun dovuta, u"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "pensjoni ta' Lm2.82 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "pensjoni skond ir-rata applikabbli skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tas-Sitt Skeda ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

14. L-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: -

(a) fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "għal sena ta' kontribuzzjoni li matulha" għandhom jidħlu l-kliem "għal sentejn konsekuttivi ta' kontribuzzjoni li matulhom";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, il-kliem ", u minħabba f'hekk tkun reġistrata taħt it-Tielet Taqsima ta' l-imsemmi Reġistru" għandhom jiġu mħassra;

(ċ) fis-subartikolu (6) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom" għandhom jidħlu l-kliem " lanqas persuni li jaħdmu għalihom infushom ";

(d) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "persuni li jimpjegaw lilhom infushom" għandhom jidħlu l-kliem "persuni li jaħdmu għalihom infushom" kull fejn jinsabu;

(e) fis-subparagrafu (iv) tal-proviso tas-subartikolu (6) ta' l-istess artikolu, minnufih wara l-kliem "jew persuna li timpjega lilha nnifisha" kull fejn jidhru għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha", u minnufih

wara l-kliem "dħul *gross* tagħha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew qliegħ *gross* tagħha", u minflok il-kliem "40%" għandhom jidħlu l-kliem "35%";

(f) minflok is-subartikolu (7) ta' l-istess artikolu għandu jidħol is-subartikolu li ġej:-

"(7) Meta il-kap tal-familja tkun persuna li m'hiex miżżewġa li ma tkunx tista' taħdem bi qliegħ *full-time* għax tkun trid tieħu ħsieb it-tarbija tagħha stess, hija tkun intitolata għal għajnuna soċjali skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu wkoll jekk din ma tkunx reġistrata bħala persuna li ma għandhiex xogħol kif imsemmi qabel fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu; u meta din il-persuna mhux miżżewġa tkun taħdem bi qliegħ, minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, din il-persuna tkun intitolatata għal ammont fil-ġimgħa ta'għajnuna soċjali sabiex jiġi żgurat li l-mezzi kollha fil-ġimgħa ta' dik il-persuna kalkolati skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att flimkien mar-rata ta' l-iskala kif applikabbli għal familja ta' żewġ persuni, kif stabbilit fit-Taqsima I tas-Sitt Skeda ta' dan l-Att ma jkunux iżjed mill-paga minima nazzjonali kif applikabbli lil persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' *standard* nazzjonali taħt l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg matul il-perjodu li għalih l-għajnuna tkun dovuta.";

(g) fis-subartikolu (9) ta' l-istess artikolu minflok l-kliem minn "u li, li kieku ma kienx għal fatt li jkun iddaħħal f'dak il-post" sal-kliem "id-dispożizzjonijiet ta' qabel f'dan is-subartikolu għandhom japplikaw ukoll." għandhom jidħlu l-kliem "u li, b'riżultat li jkun iddaħħal f'ċentru ta' terapija jsir intitolat għal għajnuna taħt dan l-artikolu, ikun intitolat biex jirċievi *allowance* skond ir-rata applikabli skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att sakemm jibqa residenti f'dak iċ-ċentru kif intqal qabel u sakemm ma jkunx hemm ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi għal dan ir-rigward."; u

(h) fis-subartikolu (10) ta' l-istess artikolu minflok il-kliem "*allowance* ta' Lm 2.82 fil-ġimgħa", għandhom jidħlu l-kliem "*allowance* applikabbli skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

15. L-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "85 ċenteżmi fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "l-*allowance* addizzjonali applikabbli skond id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-

il Skeda ta' dan l-Att", u l-kliem "il-paragrafu (i), (ii) jew (iii) ta'" għandhom jiġu mħassra, u minflok il-kliem "ta' dan l-Att;" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan l-Att; jew ";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala paragrafu (b), u minflok il-kliem "Lm 3 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "l-*allowance* addizzjonali applikabbli skond id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att", u minflok il-kliem "l-artikoli 76 jew 78" għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 76", u minflok il-kliem "għaż-żidiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b)" għandhom jidħlu l-kliem " għaż-żieda msemmija fil-paragrafu (a)".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

16. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew 78" għandhom jiġu mħassra.

Żieda ta' l-artikolu 33A ġdid ma' l-Att prinċipali.

17. Minnufih wara artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandhu jiżdied l-artikolu li ġej: -

"Pensjoni tar-Romol Miżjuda.

33A. (1) B'effett mis-6 ta' Jannar, 1996, ir-rata tal-pensjoni tar-romol kif imnaqqsa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 u tal-proviso tiegħu, għandha tiġi miżjuda biex tiżgura li dik ir-rata ta' pensjoni flimkien mar-rata sħiħa ta' pensjoni li armla tirċievi mingħand il-prinċipal tal-mejjet żewġha, jekk ikun hemm, ma tkunx inqas mir-rata sħiħa applikabbli għal persuna waħedha ta' Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira li tkun titħallas skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47, hekk iżda li dik ir-rata ta'pensjoni ma tkunx aktar minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tar-raġel.

(2) B'effett mid-data kif fuq imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, meta armla ma tkunx intitolata li tirċievi pensjoni minn ebda mill-prinċipali tal-mejjet żewġha, ir-rata ta' pensjoni tar-romol taħt dan l-Att li għaliha tkun intitolata, għandha tiġi miżjuda biex tiżgura li dik ir-rata ta' pensjoni ma tkunx inqas mir-rata applikabbli ta' Pensjoni Minima Nazzjonali li titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 63, hekk iżda li dik ir-rata ta' pensjoni ma tkunx iżjed minn ħamsa minn sitta ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli ta' żewġha.".

18. Fil-proviso ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha". Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

19. Fil-paragrafu (ii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "tad-dħul pensjonabbli tagħha ma jinqabżux." għandhom jidħlu l-kliem "Hekk iżda li, bla ħsara għall-oġħla rata ta' pensjoni li titħallas skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 54 ta' dan l-Att, għall-finijiet sabiex tingħata pensjoni ta' żewġ terzi, dik ir- rata ta' Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira li tkun tapplika għal dak il-każ, billi tiġi kkunsidrata l-istess medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet biex tingħata dik il-pensjoni, tista' tkompli tiġi miżjuda b'terz tad-differenza li tirriżulta billi tnaqqas is-somma totali tal-pensjoni tas-servizz u ir-rata ta' Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira applikabbli għalih mill-ammont li hu daqs żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu.". Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

20. Fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew taħdem għaliha nnifisha". Emenda ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali.

21. Minflok l-ewwel paragrafu tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali, minnufih qabel il-proviso, għandu jidħol dan li ġej:- Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

"(1) Ir-rata shiħa tal-Pensjoni ta' Żewġ Terzi msemmija taħt l-artikolu 52 ta' dan l-Att għandha tkun ta'żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tal-persuna assigurata li tkun ħallset jew ġiet akkreditata b'medja fis-sena ta'ħamsin kontribuzzjoni tul perjodu -

(i) ta' tletin sena, jew

(ii) f'każ ta' persuna li tkun intitolata għal pensjoni taħt l-artikolu 26 ta' dan l-Att, għal dak in-numru ta' snin inqas minn tletin sena,

li jkun jikkorrispondi għan-numru ta' snin mill-ewwel ta' Jannar, 1956, jew jekk il-persuna ħekk tagħżel, mill-ewwel ta' Jannar, 1965, sa tmiem is-sena ta' kontribuzzjoni li tiġi minnufih qabel ma tirtira:".

22. Minflok l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:- Sostituzzjoni ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali.

"54. Meta persuna tikkwalifika għar-rata shiħa ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi taħt l-artikolu 53 ta' dan l-Att, u minkejja id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-proviso tiegħu, dik il-persuna ma għandha f'ebda każ tirċievi -

(a) inqas mir-rata sħiħa ta' Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluża l-*allowance* addizzjonali, li titħallas skond jekk dik il-persuna tkunx miżżewġa jew le, skond it-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att; jew

(b) iżjed mill-ogħla rata ta' pensjoni ta' żewġ terzi skond it-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali.

23. L-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subparagrafi (ii) tas-subartikolu (2) u tas-subartikolu (3) tiegħu rispettivament, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha" kull fejn jidhru; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 54" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-artikolu 54".

Emenda ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali.

24. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali:-

(a) minflok il-kliem "Raġel miżżewġ li jkun qiegħed imantni lil martu u li" għandhom jidħlu l-kliem "Min";

(b) minnufih wara l-kliem "Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda" għandhom jidħlu l-kliem "f'waħda mir-rati li jitħallsu skond it-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att,"; u

(ċ) minnufih wara l-kliem "iżjed minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu." għandhom jiżdiedu l-kliem "Hekk iżda, meta dik ir-rata ta' pensjoni ma tkunx iżjed minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu, bla ħsara għall-ogħla rata ta' pensjoni li titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 54 għall-finijiet ta' pensjoni ta' żewġ terzi, dik ir-rata ta' pensjoni, billi tiġi kkunsidrata l-istess medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet biex tingħata dik il-pensjoni, tista' tiġi miżjuda b'terz tad-differenza li tirriżulta billi tnaqqas dik ir-rata ta' pensjoni mill-ammont li jittieħed bħala żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu.".

Emenda ta' l-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali.

25. L-artikolu 66 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-ogħla rata ta' Pensjoni ta' l-Età" għandhom jiżdiedu l-kliem "li, fil-każ ta' raġel miżżewġ li martu tikkwalifika ukoll għal pensjoni bi dritt, tkun daqs 80%, u fil-każ ta' persuni romol jew persuni mhux miżżewġa, daqs 60% tal-paga minima nazzjonali kif applikabbli għal persuni ta' tmintax-il sena

jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' *standard* nazzjonali taħt l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg matul il-perjodu li għalih dik il-pensjoni tkun dovuta u"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "pensjoni ta' Lm2.82 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "*allowance* minflok pensjoni li titħallas skond it-Taqsima VI tas-Sitt Skeda ta' dan l-Att,".

Emenda ta' l-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali.

26. L-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-oghla rata ta' Pensjoni għall-Wens" għandhom jiżdiedu l-kliem "daqs 60% tal-paga minima nazzjonali kif applikabbli għal persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed kif stabbilita b'ordni ta' *standard* nazzjonali taħt l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg matul il-perjodu li għalih dik il-pensjoni tkun dovuta u"; u wara l-kliem "tal-ġenitur tagħha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ħuha, oħtha, nannitha, zijuha, zijitha, missier jew omm tar-rispett jew ħuha jew oħtha tar-rispett"; u

(b) is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu (1) għandu jiġi mħassar, u s-subparagrafi (ii) u (iii) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subparagrafi (i) u (ii) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 69 ta' l-Att prinċipali.

27. L-artikolu 69 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bir-rata ta' Lm10.50 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tielet Skeda ta' dan l-Att,";

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "bir-rata ta' Lm 20.95 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V tat-Tielet Skeda ta' dan l-Att,"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "xi waħda mill-*allowances* li jitħallsu skond l-artikolu 76 jew 79" għandhom jidħlu l-kliem "l-*allowance* li titħallas skond l-artikolu 76".

Emenda ta' l-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali.

28. L-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) minnufih wara l-kliem "timpjega lilha nnifisha", kull fejn jidhru fl-artikolu, inkluż fil-proviso tiegħu, għandhom jiżdiedu l-kliem "jew taħdem għaliha nnifisha"; u

(b) minflok il-kliem "somma f'daqqa għal darba ta' Lm66 bħala Għotja taż-Żwieġ:" għandhom jidħlu l-kliem "somma f'daqqa għal darba skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att bħala Għotja taż-Żwieġ:".

Emenda ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali.

29. Fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 72 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ekwivalenti għal Lm8.80 fil-ġimgħa" kull fejn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "bir-rata skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att ".

Dispożizzjoni transitorja rigward l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali.

30. B'effett mis-6 ta' Jannar, 1996 sal-5 ta' Lulju, 1996, il-kliem "Lm 2938" fil-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali għandu jinqara u jiftiehem bħala "Lm3055".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali.

31. Minflok l-artikolu 73 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"*Allowance* supplimentari.

73. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kap tal-familja li jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li l-mezzi fis-sena tiegħu, kkalkolati skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att, ma jkunux iżjed mil-limiti tad-dħul kif imniżżlin fit-Taqsima V ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, ikun intitolat għal *allowance* supplimentari li titħallas skond ir-rati speċifikati fl-Erbatax-il Skeda fuq imsemmija.".

Thassir ta' l-artikoli 74 u 75 ta' l-Att prinċipali.

32. L-artikoli 74 u 75 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali.

33. Fl-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali, inkluż fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem minn "taħt u skond" sal-kliem "*allowance* b'dawk ir-rati msemmijin." għandhom jidħlu l-kliem "lil kap tal-familja li l-mezzi totali fis-sena tiegħu, kkalkolati skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att, ma jkunux iżjed mir-rata skond l-iskala kif applikabbli għal dik il-familja, u kif imfisser fit-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, u li għandu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel, sakemm dak it-tifel ikun it-tifel jew it-tifla tal-kap tal-familja jew ta' martu, u fejn la il-kap tal-familja u lanqas martu ma huma l-ġenituri ta' dak it-tifel, id-Direttur ikun sodisfatt li jkun fl-aħjar interess ta' dak it-tifel li jaċċetta lill-kap tal-familja bħala l-kustodju effettiv ta' dak it-tifel u għal dak il-għan id-Direttur jista' jitlob mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja), rapport tas-sitwazzjoni, li għandu jissotometti l-istess fi żmien xahar, dwar jekk ikun l-aħjar li dak it-tifel ikun ikkonsidrat bħala parti minn dik il-familja.".

34. Fl-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' Lm3.25 fil-ġimgħa" għandhom jidħlu l-kliem "li jitħallsu skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att," u minnufih wara l-kliem "skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att." għandhom jiżdiedu l-kliem "Hekk iżda li, dan it-tifel jibqa' eliġibbli li jirċievi *allowance* taħt dan l-artikolu biss jekk il-mezzi fis-sena tal-kap tal-familja, kkalkolati skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att, ma jkunx izjed mil-limiti ta' dħul kif imniżżlin fit-Taqsima VII ta' l-Erbatax-il Skeda fuq imsemmija, u sakemm dak il-kap tal-familja jkollu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel.". Emenda ta' l-artikolu 77 ta' l-Att prinċipali.

35. L-artikolu 78 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Tħassir ta' l-artikolu 78 ta' l-Att prinċipali.

36. Fl-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "u 78" u l-kliem ", skond kif ikun il-każ," għandhom jiġu mħassra. Emenda ta' l-artikolu 79 ta' l-Att prinċipali.

37. L-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :- Emenda ta' l-artikolu 80 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minnufih wara l-kliem "tat-Tfal" għandhom jiżdiedu l-kliem "u Supplimentari";

(b) fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "l-artikoli 76, 78 u 79", kull fejn jidhru għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 73, 76 u 79"; u

(ċ) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu għandu jiġi mħassar.

38. Fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 81 ta' l-Att prinċipali, il-kliem ", 78" kull fejn jidhru, għandhom jiġu mħassra. Emenda ta' l-artikolu 81 ta' l-Att prinċipali.

39. L-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :- Emenda ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Meta il-kap tal-familja jkun" sal-kliem "ħlief jekk il-missier" għandhom jidħlu l-kliem "*Allowance* li titħallas taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 76 u 79 ta' dan l-Att għandha titħallas lill-mara, jekk ikun hemm, tal-kap tal-familja, ħlief jekk il-kap tal-familja" ;

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu, minnufih wara l-kliem "il-mara tiegħu miżżewġa lilu bil-liġi" għandhom jiżdiedu l-kliem "u fil-każ li mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li, fl-opinjoni tad-Direttur, ikun joqgħod ma' dik il-kap tal-familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ lilha bil-liġi", u minflok il-kliem "tkun omm" għandhom jidħlu l-kliem "tkun omm jew ikun missier, kif ikun il-każ,"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu, il-kliem ", 78" għandhom jiġu mħassra, u minflok il-kliem "it-tfal kollha tagħhom għandhom" għandhom jidħlu l-kliem "it-tfal kollha tagħhom m'għandhomx", u minflok il-kliem minn "ikunu proporzjonati bejn dak ir-raġel u dik il-mara" sal-kliem "fl-artikoli minn 76 sa 79 ta' dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "ikunu stmati separatament skond id-drittijiet ta' eliġibilità u l-mezzi fis-sena ta' kull kap tal-familja rispettiv li jkollu l-kura u kustodja effettiva skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 76 u 79 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 83 ta' l-Att prinċipali.

40. L-artikolu 83 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) il-kliem ", 78" għandhom jiġu mħassra; u

(b) minnufih wara l-kliem "toqgħod iktar ma' dak il-kap tal-familja." għandhom jiżdiedu l-kliem "Hekk iżda li meta dak it-tifel jew dik il-persuna ma tkunx normalment toqgħod iktar ma'dak il-kap tal-familja, iżda tkun normalment toqgħod iktar f'istitut, u d-Direttur ikun sodisfatt li dak l-istitut ikun istitut rikonoxxut għall-kura ta' tfal u persuni żgħar, dak it-tifel jew dik il-persuna jkun intitolat għal *allowance* daqs dik li titħallas għat-tielet tifel li jkun membru tal-familja u li jkun jirċievi għajnuna soċjali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att, u skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali.

41. L-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) il-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (e), (f) u (g) rispettivament;

(b) minflok il-kliem minn "Il-Ministru jista'" sal-kliem "msemmi hawn qabel:", għandhom jidħlu l-kliem:-

"Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, u bil-ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jagħmel regolamenti:-

(a) sabiex jiżdiedu ir-rati ta' benefiċċji, għotjiet, pensjonijiet, għajnuna u *allowances* li jitħallsu taħt dan l-Att;

(b) sabiex jiżdiedu l-kategoriji ta' persuni li jistgħu jkunu eliġibbli għal benefiċċji, għotjiet, pensjonijiet, għajnuna u *allowances* li jitħallsu taħt dan l-Att;

(ċ) sabiex jiżdiedu l-limiti tad-dħul għall-finijiet biex jiġi stmat l-ammont ta' benefiċċji, għotjiet, pensjonijiet, għajnuna u *allowances*, li jiddependu mill-mezzi tal-persuna, u li jitħallsu taħt dan l-Att;

(d) sabiex iżid il-paga bażika, is-salarju, id-dħul jew il-qliegħ, kull meta l-Gvern jagħti żieda għall-għoli tal-ħajja fir-rata tal-Paga Minima Nazzjonali li titħallas lil persuni li jkollhom jew ikunu għalqu t-tmintax-il sena skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att li jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg, għall-finijiet ta':-

(i) il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali, u

(ii) l-istima tad-dħul pensjonabbli;"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (g) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied il-proviso li ġej:-

"Iżda il-Ministru ma' jistax b'dawn ir-regolamenti jnaqqas ir-rata ta' benefiċċju, għotja , pensjonijiet, għajnuna jew *allowance* li jitħallsu taħt dan l-Att għal kull kategorija ta' benefiċċjarji.".

Emenda ta' l-artikolu 88 ta' l-Att prinċipali.

42. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 88 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "benefiċċju *ex gratia*" għandhom jidħlu l-kliem "permezz ta' ħlas ta' għajnuna ta' emerġenza fi flus jew mhux fi flus mingħand id-Direttur Ġenerali (Affarijiet Soċjali u tal-Familja) maħtur mill-Prim Ministru" u l-kliem minn "u b'mod partikolari" sal-kliem "maħtur mill-Prim Ministru" għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali.

43. Fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Għajnuna Medika," għandhom jiżdiedu l-kliem "*Allowance* Supplimentari,".

Żieda ta' l-artikolu 90B ġdid ma' l-Att prinċipali.

44. Minnufih wara artikolu 90A ta' l-Att prinċipali, għandhu jiżdied l-artikolu 90B kif ġej :-

"Żidiet f'ċerti *allowances* u għajnuna bħala riżultat ta' żidiet ta' l-għoli tal-ħajja mogħtija fuq pagi b'mod ġenerali. Kap.135.

90B. Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, kull meta il-Gvern jgħati żieda ta' l-għoli tal-ħajja fir-rata tal-paga minima nazzjonali kif titħallas lil persuni ta' tmintax-il sena jew iżjed skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, kull għajnuna medika li titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 20, 21, 22, u 24, u kull *allowance* li titħallas minflok pensjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu

(4) ta' l-artikolu 27, u kull *allowance* li tiħallas skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 30, u kull *allowance* li tiħallas minflok pensjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 66, u kull *allowance* li tiħallas skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 69, ta' dan l-Att, għandha, minn dik id-data ta'dik iż-żieda jew minn dik id-data minn meta dik l-għajnuna jew dik l-*allowance* tkun dovuta, liema tkun l-aħħar data, tiġi awtomatikament miżjuda b'ammont daqs 20% ta' dik iż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja.".

Emenda ta' l-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali.

45. L-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fl-ewwel proviso tiegħu, minflok il-kliem "l-artikoli 76, 78 u 79" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 76 u 79"; u

(b) fit-tieni proviso ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem "u anqas ma jkollha impieg assigurabbli jew tkun taħdem għaliha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "u anqas ma għandha tiġi kkunsidrata bħala persuna li taħdem bi qliegħ hekk illi tiġi skwalifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 45 ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 92 ta' l-Att prinċipali.

46. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 92 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Għajnuna Soċjali" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew għal Pensjoni ta' l-Età".

Emenda ta' l-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali.

47. L-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "*Allowance* ta' Ġenitur" għandhom jidħlu l-kliem "*allowance* supplimentari";

(b) fil-paragrafu (ċ) ta' l-istess subartikolu, il-kliem "*Allowance* Speċjali," għandhom jiġu mħassra;

(ċ) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) ta' l-istess subartikolu (2) għandu jiġi mħassar; u

(d) is-subparagrafi (iii), (iv) u (v) tal-paragrafu (ċ) ta' l-istess subartikolu għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala subparagrafi (ii), (iii) u (iv) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali.

48. L-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew Għajnuna Soċjali u Medika," għandhom jidħlu l-kliem "jew għajnuna soċjali għal min ikun mingħajr xogħol,";

(b) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu (1), minnufih wara l-kliem "xi pensjoni," għandhom jiżdiedu l-kliem "għajnuna soċjali jew medika, "; u

(ċ) fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu (1) minflok il-kliem "*Allowance* ta' Ġenitur" għandhom jidħlu l-kliem "*allowance* supplimentari".

Emenda ta' l-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali.

49. L-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subparagrafi (i) u (ii) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "30%" u "10%", għandhom jidħlu l-kliem "10%" u "5%" rispettivament;

(b) fil-paragrafu (ii) ta' l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu, minflok il-kliem minn "dwar perijodi ta' ħlas żejjed" sal-kliem "isir jaf b'dak il-ħlas żejjed" għandhom jidħlu l-kliem "dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perjodu ta' sentejn qabel id-data li fiha id-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perjodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi";

(ċ) minnufih wara subartikolu (2) ta' l-istess artikolu, għandu jiżdied is-subartikolu (3) li ġej:-

"(3) Meta xi persuna tkun tirċievi xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li titħallas taħt dan l-Att, u tkun naqset li tħallas xi kontribuzzjoni tat-tieni klassi dovuta taħt id-dispożizzjonijiet ta'dan l-Att, jew tkun ħallset kontribuzzjoni b'rata, jew ta' kategorija, jew ta' klassi li ma jkunux skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jista' jirkupra kull ammont dovut rigward dawk il-kontribuzzjonijiet permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li dik il-persuna ssir intitolata għaliha wara, u r-rata ta' rkupru jew ta' dak it-tnaqqis tkun skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (i) ta' l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 103 ta' l-Att prinċipali.

50. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 103 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "bl-Ordinanza dwar il-Fabbriki" u "Kap. 107." għandhom jidħlu l-kliem "L-Att ta' l-1994 għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol".

Emenda ta' l-artikolu 105 ta' l-Att prinċipali.

51. Fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 105 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha".

Emenda ta' l-artikolu 106 ta' l-Att prinċipali.

52. Fl-artikolu 106 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Kull talba għal benefiċċju" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 97 ta' dan l-Att, kull talba għal benefiċċju".

Emenda ta' l-artikolu 113 ta' l-Att prinċipali.

53. Fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 113 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha".

Emenda ta' l-artikolu 114 ta' l-Att prinċipali.

54. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 114 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih wara l-kliem "Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika," għandhom jiżdiedu l-kliem "u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 132 ta' dan l-Att,"; u

(b) minnufih wara l-kliem "taħt dan l-Att", għandhom jiżdiedu l-kliem ", u kull spejjeż biex tiġi implementata kull disposizzjoni ta' dan l-Att,".

Emenda ta' l-artikolu 116 ta' l-Att prinċipali.

55. L-artikolu 116 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej :-

(a) fis-subartikoli (1), (3) u (4) minnufih wara l-kliem "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha" kull fejn jidhru; u

(b) minnufih wara subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, għandu jiżdied is-subartikolu (5) li ġej:-

"(5) Minghajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha tonqos li tħallas xi kontribuzzjoni li tkun dovuta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew tħallas kontribuzzjoni b'rata, jew ta' kategorija, jew ta' klassi li ma tkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

(i) kull talba magħmula mid-Direttur għall-ħlas ta' dawk il-kontribuzzjonijiet mhux imħallsa, jew għall-ħlas ta' xi differenza dovuta b'riżultat ta' tiswija fir-rata, kategorija jew klassi ta' kontribuzzjonijiet, tkun preskritta wara li jgħaddu tletin sena; u

(ii) kull talba magħmula minn persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha

biex thallas dawk il-kontribuzzjonijiet, jew kull talba għal rifużjoni li tirriżulta bħala riżultat ta' tiswija fil-klassi jew fil-kategorija mħallsa tkun nulla u mingħajr effett jekk tiġi sottomessa wara li dik il-persuna tilħaq l-età ta' pensjoni jew wara li jgħaddu ħames snin miż-żmien li r-rata xierqa ta' kontribuzzjoni kienet dovuta, liema tiġi qabel.".

Emenda ta' l-artikolu 133 ta' l-Att prinċipali.

56. Fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 133 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "d-dħul nett" għandhom jidħlu l-kliem "d-dħul nett, jew qliegħ".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att prinċipali.

57. L-Ewwel Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fil-paragrafu 4 tat-Taqsima I tagħha, minflok il-kliem "taħdem bi qligħ bħala persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li taħdem għaliha nnifisha"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu 5 tat-Taqsima I tagħha, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"(6) Impjegati tal-Gvern li jkunu ġew mehlusa b'*leave* mingħajr ħlas milli jwettqu dmirijiethom mal-Gvern biex isiru membri ta' soċjetà koperativa primarja skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Soċjetajiet Kooperativi.".

Emenda tat-Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali.

58. It-Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) minflok il-kliem, "(L-artikoli 12, 20, 23, 27, 30, 66 u 68)" u l-kliem "Pensjoni għall-Wens" li jidhru qabel it-titolu "TAQSIMA I" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "(L-artikoli 12, 20, 23, 27, 30, 66, 68, 73 u 76)" u l-kliem "Pensjoni għall-Wens, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* Supplimentari u *Allowance* għal tifel b'Disabilità";

(b) il-paragrafu 1 tat-Taqsima II tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafi (a) u (b) u fit-tieni proviso tiegħu, minnufih wara l-kliem "persuni li jimpjegaw lilhom infushom" jew "persuna li timpjega lilha nnifisha" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew persuni li jaħdmu għalihom infushom" jew "jew persuna li taħdem għaliha nnifisha" kull fejn jidhru; u

(ii) fit-tieni proviso tas-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1, minflok il-kliem "40%" għandhom jidħlu l-kliem "35%";

(ċ) il-paragrafu 4 tat-Taqsima II tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-partita (a) tas-subparagrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Pensjoni Minima Nazzjonali" għandhom jiżdiedu l-kliem "inkluża l-*allowance* addizzjonali li titħallas,";

(ii) fis-subparagrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "kull *bonus* lil familja mħallas taħt u skond l-artikolu 88 ta' dan l-Att, kull *Allowance* ta' Ġenitur," għandhom jidħlu l-kliem " kull *allowance* supplimentari," ; u

(iii) fis-subparagrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "75.7%" għandhom jidħlu l-kliem "76.8%";

(d) fil-paragrafu 5 tat-Taqsima II tiegħu minnufih wara l-kliem "il-mara tiegħu miżżewġa" għandhom jiżdiedu l-kliem ", u fil-każ fejn il-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li fl-opinjoni tad-Direttur ikun joqgħod ma' dak il-kap ta' familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ,";

(e) il-paragrafu 4 tat-Taqsima III tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (b) tiegħu minnufih wara l-kliem "Pensjoni Minima Nazzjonali," għandhom jiżdiedu l-kliem "inkluża l-a*llowance* addizzjonali li titħallas," ;

(ii) fis-subparagrafu (ċ) tiegħu minflok il-kliem "kull *bonus* lil familja mħallas taħt u skond l-artikolu 88 ta' dan l-Att, kull *Allowance* ta' Ġenitur" għandhom jidħlu l-kliem "kull *allowance* supplimentari"; u

(iii) fis-subparagrafu (d) tiegħu minflok il-kliem "75.7%" għandhom jidħlu l-kliem "76.8%";

(f) (i) fis-subparagrafu (h) tal-paragrafu 4 tat-Taqsima III tat- Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali kif miżjud bl-artikolu 33 ta' l-Att XXV ta' l-1994, minflok il-kliem "kull stipendju riċevut" għandhom jidħlu l-kliem " kull stipendju riċevut minn membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew ir-raġel jew il-mara ta' dak il-kap ta' familja"; u

(ii) is-subparagrafi (h) u (i) il-ġodda tal-paragrafu 4 tat-Taqsima III tat-Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali kif miżjuda bl-artikolu 13 ta' l-Att XXVII ta' l-1995 għandhom jiġu enumerati paragrafi (i) u (j) rispettivament;

(g) il-paragrafu 5 tat-Taqsima III tagħha għandu jiġi emendat biż-żieda minnufih wara l-kliem "il-mara tiegħu miżżewġa" tal-kliem ",u fil-każ fejn il-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li fl-opinjoni tad-Direttur ikun joqgħod ma' dak il-kap ta' familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ,";

(h) fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 2 tat-Taqsima IV, minflok il-kliem "kull *bonus* tal-familja li jithallas taħt u skond l-artikolu 93A ta' dan l-Att, u kull Għajnuna Medika" għandhom jidħlu l-kliem "kull għajnuna medika, kull *allowance* supplimentari";

(i) fl-ewwel proviso tal-paragrafu 4 tat-Taqsima IV, minflok il-kliem "li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja" għandhom jidħlu l-kliem "li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja, ħekk iżda li fil-każ fejn din il-koppja tkun separata *de facto*, jiġi kkonsidrat (a) il-proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u (b) dak id-dħul biss li jiġi riċevut jew li jista' jiġi riċevut minghand ir-rikorrent";

(j) fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 3 tat-Taqsima V, minflok il-kliem "kull *bonus* lil familja mħallas taħt u skond l-artikolu 88 ta' dan l-Att, kull Għajnuna Medika, *Allowance* ta' Ġenitur," għandhom jidħlu l-kliem "kull għajnuna medika,";

(k) fl-ewwel proviso tal-paragrafu 4 tat-Taqsima V, minflok il-kliem "li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja" għandhom jidħlu l-kliem "li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja, ħekk iżda li fil-każ fejn din il-koppja tkun separata *de facto*, jiġi kkonsidrat (a) il-proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u (b) dak id-dħul biss li jiġi riċevut jew li jista' jiġi riċevut minghand ir-rikorrent"; u

(l) minnufih wara Taqsima VI tagħha għandhom jiżdiedu taqsimiet il-ġodda kif ġejjin :-

"TAQSIMA VII

Allowance *tat-Tfal u* Allowance *għal tifel b'Disabilità*

1. (a) Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 76 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun investita jew tintuża bi qliegħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull dħul jew privileġġ li jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja u martu.

(b) Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 77 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun investita jew tintuża bi qliegħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull privileġġ li jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, liema minnhom ikun l-akbar dħul.

2. Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li jkun jew jista' jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma għandhomx jitqiesu:-

(a) l-*allowance* li titħallas taħt u skond l-artikoli 69, 76 u 77 ta' dan l-Att,

(b) kull għajnuna mediċa li titħallas taħt u skond l-artikoli 20, 21 u 22 ta' dan l-Att,

(ċ) kull għotja għal korriment jew kull pensjoni għal korriment li titħallas taħt u skond l-artikolu 29 ta' dan l-Att,

(d) l-*allowance* li titħallas lil armla jew armel taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att,

(e) kull pensjoni jew pensjonijiet (kemm jekk imħallsin taħt u skond dan l-Att jew le) sa l-oġħla medja ta' l-ammont ekwivalenti għall-oġħla rata ta' Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluża l-*allowance* addizzjonali li titħallas skond jekk ir-rikorrent ikunx miżżewweġ jew le, kif imfisser fit-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att,

(f) kontribuzzjonijiet li jitħallsu taħt u skond dan l-Att mill-1 ta' Jannar, 1996,

(g) fil-każ ta' l-ewwel tifel, kull dħul jew privileġġ li jiġi riċevut jew li jitgawda qabel id-data taż-żwieġ jew id-data minn meta jibdew jgħixu flimkien, hekk iżda li fil-każ ta' ġenituri mhux miżżewġa l-perjodu ta' l-istima għandu jibda mill-ewwel tax-xahar li jaħbat disa' xhur qabel it-twelid tat-tarbija.

3. Kap tal-familja li jirċievi għajnuna soċjali jew pensjoni ta' l-età taħt u skond dan l-Att, jitqies li ma għandux mezzi għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul taħt u skond din it-Taqsima.

4. (a) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-mezzi li jittieħdu għall-finijiet ta' l-istima tad-dħul għandhom ikunu dawk li jinġabru fis-sena kalendarja qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena li fiha issir it-talba; u

(b) Minkejja kull bidla fiċ-ċirkostanzi, dawk il-mezzi jiġu meqjusa li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-rati ta' skala applikabbli skond l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, sa l-aħħar Ġimgħa qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena wara is-sena kalendarja li fiha dawk il-mezzi kienu ġew meqjusa għall-finijiet ta' stima:

Iżda, fil-każ tal-mewt tal-kap tal-familja jew ta' martu jew ta' żewġha, is-superstiti, jew dik il-persuna li hekk titiqies taħt u skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 82 ta' dan l-Att, tkun intitolata li tagħżel, jekk ikun iktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara il-mewt ta' żewgha jew ta' martu, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti. Hekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data tal-mewt ta' żewġha jew ta' martu:

Iżda wkoll fil-każ ta' persuna li tkun tirċievi pensjoni (kemm jekk mħallsa taħt u skond dan l-Att jew le) u li ma kenitx taħdem bi qliegħ, il-mezzi fis-sena li jitqiesu għall-finijiet ta' din it-Taqsima jkunu l-mezzi kurrenti fis-sena li jingabru mingħandu jew minn martu, jekk ikun hemm:

Iżda wkoll fil-każ ta' koppja miżżewġa, meta jew ir-raġel jew il-mara ma jibqgħux iktar jaħdmu bi qligħ, il-kap tal-familja jkun intitolat li jagħżel, jekk ikun aktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara li r-raġel jew il-mara jtemmu milli jibqgħu jaħdmu bi qligħ, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti ta' dik il-familja. Hekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data meta r-raġel jew il-mara jtemmu milli jibqgħu jaħdmu bi qligħ.

TAQSIMA VIII

Allowance *Supplimentari*

1. Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 73 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun investita jew tintuża bi qliegħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull dħul jew privileġġ li jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, jekk ikun hemm.

2. Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li jkun jew jista' jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma għandhomx jitqiesu:-

(a) kull għajnuna medika li titħallas taħt u skond l-artikoli 20, 21 u 22 ta' dan l-Att;

(b) kull għotja għal korriment jew kull pensjoni għal korriment li titħallas taħt u skond l-artikolu 29 ta' dan l-Att,

(ċ) kontribuzzjonijiet mħallsa taħt u skond dan l-Att;

(d) 76.8% tad-dħul nett totali jew ta' xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* jew ta' pensjoni żejda li tkun qegħda jew tista' tiġi mgawdija minn xi membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew martu, u għal dan il-għan middħul nett totali, privileġġ, benefiċċju, *allowance* jew pensjoni żejda għandhom jitnaqqsu kull pagamenti tat-taxxa tad-dħul magħmulin mill-persuna kkonċernata skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-kliem "pensjoni żejda" ifissru kull pensjoni iktar mill-Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluża l-*allowance* addizzjonali, skond jekk ir-rikorrent hux miżżewweġ jew le, kif imfisser fit-Tnax-il Skeda ta' dan l-Att.

3. Kap tal-familja li jirċievi għajnuna soċjali jew pensjoni ta' l-età taħt u skond dan l-Att, jitqies li ma għandux mezzi għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul taħt u skond din it-Taqsima.

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, fil-każ ta' kap tal-familja li jkun jirċievi pensjoni (kemm jekk imħallsa taħt u skond dan l-Att jew le), xi dħul, jew xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* riċevuti minn xi membru, li ma jkunx la l-kap tal-familja u lanqas martu, ma jitqiesux.

5. (a) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-mezzi li jittieħdu għall-finijiet ta' l-istima tad-dħul għandhom ikunu dawk li jingħabru fis-sena kalendarja qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena li fiha issir it-talba; u

(b) Minkejja kull bidla fiċ-ċirkostanzi, dawk il-mezzi jiġu meqjusa li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-rati ta' skala applikabbli skond l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, sa l-aħħar Ġimgħa qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena wara is-sena kalendarja li fiha dawk il-mezzi kienu ġew meqjusa għall-finijiet ta' stima:

Iżda, fil-każ tal-mewt tal-kap tal-familja jew ta' martu jew ta' żewġha, is-superstiti, jew dik il-persuna li hekk titiqies taħt u skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 82 ta' dan l-Att, tkun intitolata li tagħżel, jekk ikun iktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara il-mewt ta' żewgha jew ta' martu, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti.

Hekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data tal-mewt ta' żewgha jew ta' martu:

Iżda wkoll fil-każ ta' persuna li tkun tirċievi pensjoni (kemm jekk imħallsa taħt u skond dan l-Att jew le) u li ma kenitx taħdem bi qliegħ, il-mezzi fis-sena li jitqiesu għall-finijiet ta' din it-Taqsima jkunu l-mezzi kurrenti fis-sena li jinġabru minghandu jew minn martu, jekk ikun hemm.".

59. It-Tielet Skeda ta'l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja :- Sostituzzjoni tat-Tielet Skeda ta' l Att prinċipali.

"IT-TIELET SKEDA

Artikoli 18, 28, 29, 30

Rati ta' Benefiċċji għal Mard, għal Disimpieg, għal Disimpieg Speċjali u għal Korriment; Għotja għal Korriment u Pensjoni għal Korriment

Taqsima I

Xorta ta'Benefiċċju	Ratata' Kuljum ta' Benefiċċju	
	Ġenitur singlu jew raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c	Lm c
Benefiċċju għal Mard	4.95	3.20
Benefiċċju għal Korriment	7.46	5.62
Benefiċċju għal Disimpieg	3.01	1.96
Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg	5.06	3.28

Taqsima II

Ammonti ta' Għotja għal Korriment

Grad ta' Disablità	Ammont ta' Għotja
%	Lm c
1	61.00
2	122.00
3	183.00
4	244.00
5	305.00
6	366.00
7	427.00
8	488.00
9	549.00
10	610.00
11	671.00
12	732.00
13	795.00
14	854.00
15	915.00
16	976.00
17	1037.00
18	1098.00
19	1159.00

Taqsima III

L-Oghla Rata ta' Pensjoni ghal Korriment

Rata fil-ġimgha
Lm c
17.58

Taqsima IV

Allowance *ta' Ltim*

Rata fil-ġimgha
Lm c
10.90

Taqsima V

Allowance *ta' Ltim Supplimentari*

Rata fil-ġimgha
Lm c
23.31

".

Sostituzzjoni tas-Sitt Skeda ta' l-Att principali.

60. Is-Sitt Skeda ta' l-Att principali għandha tiġi sostitwit bl-iskeda li ġejja :-

"IS-SITT SKEDA

Artikoli 27, 30, 66, 68

Taqsima 1

Skala ta' l-għajnuna soċjali fil-ġimgħa, inkuži kull miżuri taħt id dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att

Familja b'membru WIEĦED eliġibbli biss
Lm c
23.79

Meta in-numru ta' membri eliġibbli fil-familja ikun iżje minn numru muri fil-kolonna ta' hawn fuq, ir-rati fil-ġimgh indikati għandhom jiżdiedu bi Lm 3.50 fil-ġimgħa dwar ku membru eligibbli iehor f'dik il-familja.

Taqsima II

L-Ogħla Rata ta' Pensjoni ta' l-Età fil-ġimgħa inkluża kull żied taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta'dan l-Att

Kategorija ta' Pensjonant	L-Ogħla Rata ta' Pensjoni ta' l-Età fil-ġimgħa
	Lm c
1. Raġel miżżewweġ li martu :-	
(i) ukoll tikkwalifika ghal pensjoni fil-jedd taghha stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att	33.91
(ii) ma tikwalifikax ghal pensjoni fil-jedd taghha stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta'dan l-Att	16.96
2. Mara miżżewġa li r-raġel taghha ma jkunx jikkwalifika ghal pensjoni fil-jedd tieghu stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta'dan l-Att	16.96
3. Persuni romol jew wahedhom	25.43

Taqsima III

L-Oghla Rata ta' Pensjoni ghal Disablità u ta' Pensjoni ghall-Ghomja fil-ġimgha, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta'dan l-Att

Kategorija tal-Pensjonant	**L-Oghla Rata ta' Pensjoni ghal Disablità jew Pensjoni ghall-ghomja fil-ġimgha**
	Lm c
1. Raġel miżżewweġ li martu :-	
(i) ukoll tikwalifika ghal pensjoni fil-jedd taghha stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att	32.45
(ii) ma tikwalifikax ghal pensjoni fil-jedd taghha stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta'dan l-Att	16.23
2. Mara miżżewġa li r-raġel taghha ma jkunx jikkwalifika ghal pensjoni fil-jedd tieghu stess taht l-artikoli 27 jew 66 ta'dan l-Att	16.23
3. Persuni romol jew wahedhom	23.31

Taqsima IV

L-Oghla Rata ta' Pensjoni ghall-Wens fil-ġimgha inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta'dan l-Att

L-Oghla Rata ta' Pensjoni ghall-Wens fil-ġimgha
Lm c
25.43

Taqsima V

Kera tad-dar

Ir-rati li jinsabu fit-Taqsimiet I, II, III, u IV ta' din l-Iskeda għandhom jiżdiedu b'50ċ fil-ġimgħa jekk il-familja tkun qed thallas kera għall-fond normali tagħha fejn tkun qed toqgħod:

Iżda, meta iktar minn familja waħda tkun qed tgħix fl-istess fond, l-*allowance* tal-kera għandha tithallas darba waħda biss u għandha tithallas lill-kap tal-familja li jkun responsabbli għall-ħlas ta' din il-kera lil terżi persuni.

Iċ-ċens li jithallas minn familja dwar fond miżmum b'ċens għal perjodu ta' mhux aktar minn ħamsa u għoxrin sena għandu jitqies bħala kera tad-dar għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jekk dan il-fond ikun qed jintuża esklusivament mill-familja u biss bħala residenza tagħha.

Taqsima VI

Rata fil-ġimgħa ta' Allowance *minflok Pensjoni ta' l-Età, Pensjoni għal Disabilità u Pensjoni għall-Għomja.*

Lm c
3.22

".

Sostituzzjoni tas-Seba' Skeda ta' l-Att prinċipali.

61. Is-Seba Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja :-

" IS-SEBA SKEDA

Artikolu 20

Rati ta' Skala tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna għal Mard

Numru ta' Persuni fil-familja	Rata ta' Skala
	Lm c m
Persuna waħda biss	9.30,0

Meta n-numru ta' membri tal-familja jkun iżjed minn 1, irrata fil-ġimgħa murija hawn fuq tiżdied b' Lm 3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru ieħor f'dik il-familja.".

62. It-Tmien Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja :- Sostituzzjoni tat-Tmien Skeda ta' l-Att prinċipali.

"IT-TMIEN SKEDA

Taqsima I

Artikolu 23

Rata ta' Skala tal-mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika bla ħlas meta l-kap tal-familja ikollu impieg assigurabli jew ikun persuna li taħdem għaliha nnifisha

Numru ta' Persuni fil-familja	Rata ta' Skala
	Lm c m
Persuna waħda biss	34.38,0

Meta n-numru ta' membri tal-familja jkun iżjed minn 1, irrata fil-ġimgħa murija hawn fuq tiżdied b' Lm 3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru ieħor f'dik il-familja.

Taqsima II

Rati ta' Skala ta' mezzi li jirregola Għajnuna Medika meta il-kap tal-familja ma jkollux impieg assigurabli u lanqas ma jkun persuna li taħdem għaliha nnifisha

Numru ta' Persuni fil-familja	Rata ta' Skala
	Lm c m
Persuna waħda biss	11.75,0

Meta n-numru ta' membri tal-familja jkun iżjed minn 1, irrata fil-ġimgħa murija hawn fuq tiżdied b' Lm 3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru ieħor f'dik il-familja.".

Sostituzzjoni tad-Disa' Skeda ta' l-Att prinċipali.

63. Id-Disa' Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja :-

"ID-DISA SKEDA

Artikolu 25

Ammonti ta' Għajnuna għal Mard, Għotja għal Ħalib, Għajnuna dwar il-Lebbra, u Għajnuna dwar it-Tuberkuloži.

Xorta ta' Għajnuna	Rata fil-ġimgħa
	Lm c
1. Għajnuna għal Mard:-	
(i) dwar l-ewwel membru tal-familja	4.90
(ii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja	2.70
2. Għotja għall-ħalib	3.10
3. Għajnuna dwar il-Lebbra : -	
(i) dwar il-kap tal-familja li jkun lebbruż	9.25
(ii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja li jkun lebbruż u li ma jkunx jaħdem bi qliegħ:	
(a) jekk taħt is-16-il sena	3.10
(b) jekk ikollu 16-il sena jew iktar	9.25
(iii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja li ma jkunx jaħdem bi qliegħ	3.10
4. Għajnuna dwar it-Tuberkoloži:-	
(i) l-ammont bażiku ta' għajnuna dwar it-tuberkoloži li jitħallas dwar familja li membru tagħha huwa milqut bit-tuberkuloži	6.10
(ii) *allowance* li titħallas dwar kull membru ieħor tal-familja li jkun milqut bit-tuberkuloži jew partikolarment suġġett għat-tuberkuloži	1.70

".

Sostituzzjoni ta' l-Għaxar Skeda ta' l-Att prinċipali.

64. L-Għaxar Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja:-

"L-GĦAXAR SKEDA

Artikoli 7 u 10

RATI TA' KONTRIBUZZJONIJIET

Taqsima I

Kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi (Persuni Impjegati)

Kategorija	Xorta of Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li titħallas minn Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li titħallas mill-Prinċipal tagħha
A.	Persuni taħt it-tmintax-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt kategorija 'E' f'din it-Taqsima) u li l-paga bażika tagħhom fil ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma tkunx teċċedi Lm42.38	Lm 2.12	Lm 2.54
B.	Persuni li għalqu t-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt kategorija 'F' f'din it-Taqsima) u li l-paga bażika tagħhom fil ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma tkunx teċċedi Lm42.38	Lm 3.54	Lm 4.24

Kategorija	Xorta ta'Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li tiħallas minn Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li tiħallas mill-Prinċipal tagħha
C.	Persuni (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-Kategoriji 'E' u 'F' ta' din it-Taqsima) u li s-salarju bażiku tagħhom jeċċedi Lm42.38 iżda ma jeċċedix Lm118.27	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju tagħhom fix-xahar	1/10, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju tagħhom fix-xahar
D.	Persuni (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategoriji 'E' u 'F' f'din it-Taqsima) u li l-paga bażika tagħhom fil ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi Lm118.27	Lm 9.86	Lm 11.83

Kategorija	Xorta ta'Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgha ta' Kontribuzzjoni li tiħallas minn Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgha ta' Kontribuzzjoni li tiħallas mill-Prinċipal tagħha
E.	Persuni taħt it-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-iskema Student Haddiem jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta' Haddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li għalihom ikunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni tagħhom fix-xahar sa l-oġħla rata ta' kontribuzzjoni ta' Lm 1.57	1/10, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni tagħhom fix-xahar sa l-oġħla rata ta' kontribuzzjoni ta' Lm 1.88

Kategorija	Xorta ta' Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgha ta' Kontribuzzjoni li tiħallas minn Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgha ta' Kontribuzzjoni li tiħallas mill-Prinċipal tagħha
F.	Persuni li għalqu it-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-iskema Student Haddiem jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-iskemi ta' Haddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li għalihom ikunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	1/12, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni tagħhom fix-xahar sa l-oġħla rata ta' kontribuzzjoni ta' Lm 2.84	1/10, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni tagħhom fix-xahar sa l-oġħla rata ta' kontribuzzjoni ta' Lm 3.41

Taqsima II

Kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi
(Persuni li jimpjegaw lilhom nfushom)

Kategorija	Xorta ta' Persuna li timpjega lilha nnifisha	Rata ta' Kontribuzzjoni fil-ġimgħa li tithallas minn persuna li timpjega lilha nnifisha
	Persuni li d-dhul nett taghhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju tal-Maternità, *Allowance* tat-Tfal, kull Benefiċċju ex *gratia* mhallas taht l-artikolu 88 ta' dan l-Att, u kull qligh li jkun tar-raġel jew tal-mara, jekk ikun hemm) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha tithallas il-kontribuzzjoni:-	
SP	jaqbeż l-Lm 430 iżda ma jaqbiżx Lm 2108 (din il-kategorija applikabbli BISS ghal persuni wahedhom li ma jahdmux ghalihom infushom)	Lm 5.50
SA	ma jaqbiżx Lm 2716	Lm 7.10
SB	jaqbeż Lm 2716 iżda ma jaqbiżx Lm 3246	Lm 8.40
SC	jaqbeż Lm 3246 iżda ma jaqbiżx Lm 3776	Lm 9.70
SD	jaqbeż Lm 3776 iżda ma jaqbiżx Lm 4306	Lm 10.95
SE	jaqbeż Lm 4306 iżda ma jaqbiżx Lm 5046	Lm 12.75
SF	jaqbeż Lm 5046	Lm 15.10

Taqsima III

Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi

(Persuni li jaħdmu għalihom infushom)

Kategorija	Xorta ta' Persuna li taħdem għaliha nnifisha	Rata ta' Kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li taħdem għaliha nnifisha
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju tal-Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull Benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:-	
SA	jaqbeż Lm 390 iżda ma jaqbiżx Lm 2716	Lm 7.10
SB	jaqbeż Lm 2716 iżda ma jaqbiżx Lm 3246	Lm 8.40
SC	jaqbeż Lm 3246 iżda ma jaqbiżx Lm 3776	Lm 9.70
SD	jaqbeż Lm 3776 iżda ma jaqbiżx Lm 4306	Lm 10.95
SE	jaqbeż Lm 4306 iżda ma jaqbiżx Lm 5046	Lm 12.75
SF	jaqbeż Lm 5046	Lm 15.10

".

Emenda tal-Hdax-il Skeda ta' l-Att prinċipali.

65. Fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1 tal-Hdax il-Skeda ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għall-aħħar sena shiħa ta' kontribuzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem " għall-aħħar sentejn shaħ ta' kontribuzzjoni".

66. It-Tnax-il Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-iskeda li ġejja:- Sostituzzjoni tat-Tnax-il Skeda ta' l-Att prinċipali.

"IT-TNAX-IL SKEDA

Artikoli 26, 31, 33A, 44, 50, 54, 63, 64, 67.

Rati ta'diversi pensjonijiet

A. Rati sħaħ ta' Pensjoni għal min Jirtira fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew aktar.

Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li tiħallas minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit		**Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li ma tiħallasx minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit**	
Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra	Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu	Kull persuna oħra
Lm c	Lm c	Lm c	Lm c
28.51	19.82	26.05	18.70

B. Rati sħaħ ta' Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira, Pensjoni għal invaliditá, Pensjoni Miżjuda għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew aktar.

Xorta ta' pensjoni	**Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu**	**Kull persuna oħra**
	Lm c	Lm c
Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira	43.34	32.85
Pensjoni għal Invaliditá	20.80	15.15
Pensjoni Miżjuda għal Invaliditá	35.51	25.51
Pensjoni Minima Nazzjonali *	33.91	28.26
Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda	43.34	32.85

*N.B. Ir-rati sħaħ ta' Pensjoni Minima Nazzjonali huma kkalkolati bir-rata ta' erbgħa minn ħamsa (sa l-eqreb ċentezmu shih) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu u bir-rata ta' żewġ terzi (sa l-eqreb ċentezmu shih tal-Paga Minima Nazzjonali) fil-każ ta' kull persuna oħra, skond kif provdut fl-artikolu 50 ta' dan l-Att.

Ċ. Rata shiha ta' Pensjoni ta' Armla fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun 50 jew aktar.

Lm c 31.33

D. Rati mnaqqsa ta' Pensjoni għal minn jirtira, Pensjoni Miżjuda għal minn jirtira, Pensjoni għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgħa, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, fejn il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49.

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkolata sa l-eqreb ċenteżmu)
40 - 49	[{FAP - INC} x 0.89] + INC
30 - 39	[{FAP - INC} x 0.69] + INC
20 - 29	[{FAP - INC} x 0.49] + INC

Għall-finijet tat-tabella minnufih hawn fuq, 'FAP' tfisser ir-rata shiha tar-rata ta' pensjoni fil-ġimgħa li tkun tapplika skond it-tabelli A jew B, skond il-każ, ta'din l-Iskeda, u 'INC' tfisser kull żieda mogħtija skond l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994, u snin li jiġu wara.

E. Rati ta' *Allowance* addizzjonali għall-Pensjoni Minima Nazzjonali fil-ġimgħa

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu	Kull persuna oħra
	Lm c	Lm c
50 (rata sħiħa)	2.05	3.07
40 - 49	1.83	3.56
30 - 39	1.42	4.49
20 -29	1.01	5.39

F. Rata sħiħa ta' Pensjoni ta' Armla fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49.

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkolata sa l-eqreb ċenteżmu)
40 - 49	[{FWP - (INC + 7.63)} x 0.89] + INC + 7.63
30 - 39	[{FWP - (INC + 7.63)} x 0.69] + INC + 7.63
20 - 29	[{FWP - (INC + 7.63)} x 0.49] + INC + 7.63

Għall-finijet tat-tabella minnufih hawn fuq, 'FWP' tfisser ir-rata sħiħa tar-rata ta' pensjoni ta' armla skond it-tabella ta'din l-Iskeda, u 'INC' tfisser kull żieda mogħtija skond l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994, u snin li jiġu wara; filwaqt li l-ammont ta'Lm 7.63 jirrapreżenta ir-rata fil-ġimgħa ta' pensjoni supplimentari ta' armla li sas-sena 1990 kienet titħallas lir-romol li kienu qegħdin jirċievu pensjoni ta' armla irrispettivament mill-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet mħallsa jew akkreditati, liema ammont fil-ġimgħa kien, b'seħħ mis-sena 1991, inkorporat mar-rati li jitħallsu bħala pensjoni ta'armla.

G. Rata ta' Pensjoni ta' Ġenitur fil-ġimgħa, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att

Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu	**Kull persuna oħra**
Lm c	Lm c
33.91	28.26

II. Rata ta' Pensjoni għar-Romol u *Allowance* addizzjonali għas-superstiti fil-ġimgħa.

Fejn Armla jew is-superstiti tkun intitolata għal *allowance* taħt il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 31	**Fejn Armla jew is-superstiti tkun intitolata għal *allowance* taħt il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 31**
Lm c	Lm c
1.95	4.00

I. L-Ogħla rata fil-ġimgħa ta' pensjoni ta' Żewġ Terzi

Lm c
78.85

".

Emenda tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att prinċipali.

67. It-Tlettax il-Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (2) tagħha, għandhu jiżdied il-paragrafu (3) li ġej:-

"(3) Fil-każ ta' persuna li għandha titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, il-medja fis-sena ta'dhul nett tagħha li dwara il-kontribuzzjoni dovuta tkun thallset matul l-aħħar għaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' għaxar snin

minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skond dan l-Att, kif ikun il-każ, kif jista' jiżdied biż-żidiet fil-paga applikabbli li jkunu meħtieġa bil-liġi li jinghataw lil kulhadd sakemm kull żieda bhal dik tkun inqas miż-żieda netta li tinkiseb minn sena ghal sena bejn dhul nett u iehor dwar kull sena sussegwenti ta' kull wahda mill-ahhar ghaxar snin kalendarji msemmija jew parti minnhom li fihom kienet tahdem ghaliha nnifisha. Hekk iżda li, ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, fil-każ ta' persuna li qabel l-1 ta' Jannar 1996, kienet tahdem bi qliegh bhala persuna li timpjega lilha nnifisha, id-dhul nett fis-sena ghal kull sena kalendarja qabel id-data hawn fuq imsemmija jitqies bhala l-qliegh nett ta' dik il-persuna."; u

(b) il-paragrafu (3) tiegħu ghandu jiġi enumerat mill-ġdid bhala paragrafu (4), u minnufih wara l-kliem "jew id-dhul nett" fl-istess paragrafu (4) ghandhom jiżdiedu l-kliem "jew il-qliegh nett ".

68. Minnufih wara t-Tlettax il-Skeda ta' l-Att prinċipali, ghandha tiżdied l-iskeda li ġejja: Żieda ta' Skeda ġdida ma' l-Att prinċipali.

"L-ERBATAX-IL SKEDA

Artikoli 30, 70, 72, 73, 76, 77

Rati ta' diversi Allowances, *Benefiċċju tal-Maternità u Għotja taż-Żwieġ.*

A. TAQSIMA I

Rata fil-ġimgħa ta' Allowance *li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika skond is-subartikolu (9) ta' l-artikolu 30.*

Lm c
10.00

B. **TAQSIMA II**

*Rata fil-ġimgħa ta'*Allowance *li titħallas lil residenti ta' Istitut tal-istat skond is-subartikolu (10) ta' l-artikolu 30.*

Lm c
3.22

C. **TAQSIMA III**

Somma f'daqqa għal darba li titallas bħala Għotja taż-Żwieġ skond l-artikolu 70.

Lm c
69.27

D. **TAQSIMA IV**

Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju tal-Maternità li titħallas skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 72.

Lm c
10.14

E. TAQSIMA V

Allowance *Supplimentari*

STAT	L-Oghla dhul fis-sena stmat ghall-finijiet tat-titolu (hekk iżda li kull dhul taht Lm 2000 jitqies bhala ekwivalenti ghal Lm 2000)	*Allowance* li tithallas	L-Oghla ammont ta' *allowance* li tihallas fis-sena
Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu jew ġenitur mhux miżżewweġ li ma jkunx intitolat ghal *allowance* taht l-artikolu 76	3500	Lm 120	Ekwivalenti ghal 1.5% tad-differenza bejn Lm 10,000 u id-dhul annwali stmat
Persuna mhux miżżewwġa	3000	Lm 60	Equivalent ghal 1% tad-differenza bejn Lm 8,000 u id-dhul annwali stmat

Titolu ghal *Allowance* taht din it-Taqsima ma jinkisibx fejn id-dhul fis-sena stmat jeċċedi l-oghla ammonti kif fuq mfissra, kif ikun il-każ.

F. TAQSIMA VI

Allowance *tat-tfal*

L-ogħla dħul fis-sena stmat għall-finijiet tat-titolu. - Lm 10,000. (Hekk iżda li kull dħul taħt Lm 2500 jitqies bħala ekwivalenti għal Lm 2500)	
Numru ta' tfal taħt 16-il sena fil-familja	Rata ta' persentaġġ li tiħallas bħala *allowance*, fuq id-differenza bejn id-dħul fis-sena stmat u Lm 10,000
1	6%
2	9%
3	11.5%
4	13%
il-ħames tifel u kull tifel sussegwenti	1.5% għal kull tifel
Aktar minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li jattendi kors ta' studju *full-time* jew tagħlim f' Istituzzjoni Edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skond l-Att dwar l-Edukazzjoni u li ma jkunx qiegħed jirċievi xi forma ta'rimunerazzjoni jew *allowance* jew ikun reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru u qatt ma ħadem bi qliegħ .	1.5% għal kull tifel
Aktar minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li hu reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-registru tax-xogħol miżmum skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizz ta' l-Impieg u qatt ma ħadem bi qliegħ, u li ma jirċievix xi benefiċċju, pensjoni jew għajnuna li tiħallas taħt dan l-Att.	1.5% għal kull tifel

Titolu għal *Allowance* taħt din it-Taqsima ma jinkisibx fejn id-dħul fis-sena stmat jeċċedi l-ogħla ammonti kif fuq mfissra, kif ikun il-każ.

G. **TAQSIMA VII**

Allowance *għal tifel b'Disabilità*

L-oghla dħul fis-sena stmat għall-finijiet tat-titolu- Lm 10,000	
	Rata ta'*Allowance* fil-ġimgha għal tifel b'disabilità Lm c
Fejn id-dħul fis-sena stmat ma jaqbiżx Lm9,000	5.00

Fejn id-dħul fis-sena stmat jaqbeż Lm 9,000 iżda ma jaqbiżx Lm13,000, ir-rata fil-ġimgha ta' Lm 5, bħala *allowance*, għandha tiġi mnaqqsa b'6.5% tad-differenza bejn id-dħul stmat u Lm13,000.

Titolu għal *Allowance* taħt din it-Taqsima ma jinkisibx fejn id-dħul fis-sena stmat jeċċedi l-oghla ammonti kif fuq mfissra, kif ikun il-każ.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 571 ta' l-24 ta' Lulju, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati